**172. Il-Kap tal-Oppożizzjoni jipproponi:**

Din il-Kamra

TINNOTA li l-Korporazzjoni Enemalta u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, fuq direzzjoni tal-Gvern, iffurmaw il-kumpannija ARMS Ltd, suppost biex tipprovdi servizz eċċellenti lillkonsumaturi billi ddaħħal sistema avanzata tal-informatika u, fost affarijiet oħra, toħroġ bi preċiżjoni, u kull xahrejn il-kontijiet tad-dawl u l-ilma f'pajjiżna;

TOSSERVA li l-Gvern b'mod persistenti rrifjuta li jippubblika l-ftehim li saru biex jiġu istallati meters tad-dawl u l-ilma li kellhom ikunu state of the art biex iwasslu għal monitoraġġ dettaljat dwar konsum tad-dawl u l-ilma bla bżonn li jinqraw mill-meter reader, flimkien ma' servizzi relatati, liema kuntratt jiswa mill-anqas €70 miljun mill-flus tat-taxpayers;

TAGĦRAF li s-sistemi kkummissjonati mhux qed jagħtu r-riżultati mixtieqa skont kif maqbul, anzi qegħdin iwasslu għal taħwid eżaġerat u żbalji li jkomplu jitfgħu piżijiet kbar fuq iċ-ċittadini tagħna minħabba negliġenza u traskuraġni;

TITĦASSEB li għad hemm familji u persuni li qed jirrappurtaw li għadhom ma rċevewx il-benefiċċju tal-enerġija li l-Gvern tant ilu jsemmi, b'mod li qed jinħolqu problemi u piżijiet żejda għal dawn il-familji;

TIFHEM li n-nies fil-karigi għolja ta' tmexxija ta' ARMS Ltd. intagħżlu b'mod dirett mill--Ministru responsabbli.

F'dan il-kuntest, din il-Kamra:

TITĦASSEB li l-konsumaturi Maltin u Għawdxin qed ikollhom iħabbtu wiċċhom ma' servizz ta' customer care minn ARMS Ltd li huwa ta' livell baxx ħafna, kultant orribbli, tant li wassal biex il-Prim Ministru nnifsu jammetti din il-problema u japoloġizza;

TIFHEM li apoloġija u wegħdiet ta' investigazzjonijiet interni waħedhom mhux biżżejjed;

TAGĦRAF li t-tort ta' dan is-servizz ħażin mhux tal-ħaddiema, li saħansitra ġibdu l-attenzjoni u qed jaħdmu bl-aħjar mod possibbli, iżda tat-tmexxija magħżula mill-Ministru responsabbli;

TIDDEPLORA li t-tmexxija ta' ARMS Ltd. lanqas kienet kapaċi taħseb minn qabel biex issib u tħejji post alternattiv fil-Belt Valletta minn fejn tkun tista' taqdi l-ħtiġijiet tal-konsumaturi;

TIDDEPLORA li t-tmexxija ta' ARMS Ltd. saħansitra lanqas kienet kapaċi tieħu ħsieb il-management tal-għeluq ta' uffiċċju fil-Belt Valletta u għal xhur sħaħ konsumaturi qed ikollhom jgħaddu mill-inkonvenjent li jmorru Ħal Luqa biex forsi jinqdew, filwaqt li kien biss ftit ilu li tħabbar li fil-futur se jinfetaħ post ieħor fil-Blata l-Bajda;

TIDDEPLORA li dan il-fattur qed ikun ta' inkonvenjent għal ħafna persuni li kellhom u qed ikollhom jieqfu mix-xogħol u mill-attività ekonomika tagħhom biex imorru jieħdu d-drittijiet tagħhom;
TIDDEPLORA li qed ikun hemm inkonvenjent kbir għal pensjonanti u persuni oħra b'diffikultajiet ta' mobilità u mingħajr il-mezzi neċessarji, li qed ikollhom jaqbdu aktar minn karozza tal-linja waħda sabiex jaslu sall-uffiċċji tal-ARMS Ltd u jippruvaw jinqdew.

Għalhekk, din il-Kamra tar-Rappreżentanti ta' Malta:

TIRRIŻOLVI li fi żmien mhux aktar tard minn ġimgħa mill-approvazzjoni ta' din il-Mozzjoni, il-Ministru responsabbli:

- Jippreżenta f'din il-Kamra l-ftehim iffirmati fir-rigward tal-provvista u stallazzjoni tal-ismart meters ġodda, u servizzi relatati;

- Jippreżenta f'din il-Kamra Pjan ta' Azzjoni għal kif se jiġi trattat il-ħruġ ta' kontijiet u s-servizz lill-konsumaturi għas-sentejn li ġejjin.

TIRRIŻOLVI li l-Awditur Ġenerali jiġi mitlub jinvestiga s-sitwazzjoni f'ARMS Ltd, b'mod partikolari:

- Id-deċiżjoni u l-mod ta' kif twaqqfet ARMS Ltd;

- Il-mod ta' kif ġew magħżula l-persuni f'din l-istruttura;

- Ir-raġunijiet għaliex il-konsumaturi mhux moqdijin mis-servizz ta' ARMS Ltd;

- Kwalunkwe materja oħra fir-rigward ta' ARMS Ltd. li jħoss li hija pertinenti u fl-interess tat-taxpayers li tkun sollevata;

- Jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet meħtieġa dwar ARMS Ltd.

TIRRIŻOLVI li wara li l-Awditur Ġenerali jippreżenta r-rapport dwar ARMS Ltd, isir dibattitu Parlamentari dwar is-sejbiet tiegħu.

TIRRIŻOLVI li l-Awditur Ġenerali jiġi mitlub jagħmel investigazzjoni sħiħa tal-aspetti kollha tal-kuntratt u tal-proġett tal-ismart metering u servizzi relatati, fejn jingħata mandat li:

- Jeżamina t-tfassil u l-għoti ta' dan il-kuntratt u jara jekk dan tmexxiex bl-aħjar mod possibbli;
- Jeżamina jekk dan il-proġett tmexxiex u qed jitmexxa tajjeb skont dak li kien imwiegħed u ppjanat;

- Jeżamina jekk il-Gvern hux qed jieħu l-value-for-money mistenni u mwiegħed f'dan ilproġett;

- Jeżamina jekk il-mod kif qed jitmexxa dan il-proġett hux qed ikollu effett fuq il--korrettezza tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma li qed jintbagħtu lill-konsumaturi;

- Jidentifika r-responsabbiltajiet politiċi u amministrattivi.tat-tmexxija ta' dan il-proġett;

- Kwalunkwe materja oħra fir-rigward ta' dan il-proġett li jħoss li hija pertinenti u fl-interess tat-taxpayers li tkun sollevata;

- Jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet meħtieġa biex jittieħdu l-miżuri effettivi biex jittaffa l-piż li ntefa' fuq il-familji u n-negozji Maltin u Għawdxin.

TIRRIŻOLVI li wara li l-Awditur Ġenerali jippreżenta r-rapport dwar l-ismart metering u servizzi relatati, isir dibattitu Parlamentari dwar is-sejbiet tiegħu.

29.09.10

**Il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment jipproponi l-emenda li gejja għall-istess Mozzjoni (*carried*):**

(a) Ħassar il-kliem kollu minn: "Tinnota l-Korporazzjoni Enemalta…

sa u inkluż

"jippreżenta f'din il-Kamra Pjan ta' Azzjoni għal kif se jigi trattat il-ħruġ ta' kontijiet u s-servizz lill-konsumaturi għas-sentejn ġejjin."

(b) Ħassar l-aħħar tliet paragrafi tal-Mozzjoni jibdew bil-kelma "TIRRIŻOLVI" u

sostitwihom b'dan ġej:

"TINNOTA b'sodisfazzjon il-miżuri ttieħdu riċentement tejbu is-servizz offrut mill-Arms Limited;

TIRRISOLVI li r-Rapport tal-Awditur Ġenerali meta jitlesta jiġi diskuss fil-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Publiċi".

08.11.10